16 ta' Jannar, 1954

**Imħallef:**

Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

**Il-Pulizija versus Salvu Saliba**

**Traffiku — Kolliżjoni — Sinjali — Negliġenza**

*Driver li jkun ser idawwar il-karrozza biex jidħol għal ġo triq oħra biex jikser fuq il-lemin tiegħu, hu ħati ta' negliġenza jekk hu jagħmel dik il-manuvra mingħajr ma jagħmel sinjal lid-driver li jkun ġej warajh biex juriħ li hu ser jagħmel dik il-manuvra, u hekk jagħti lid-driver li jkun ġej warajh l-opportunità li jevita kolliżjoni. Jekk id-driver ta' quddiem jonqos li jagħmel dawk is-sinjali u ssir il-kolliżjoni, id-driver ta' quddiem huwa ħati kriminalment għal dik il-kolliżjoni avvolja d-driver ta' wara kien qed isuq bi speed qawwi u ma ppruvax jevita l-kolliżjoni.*

*Il-konsiderazzjonijiet li jirriflettu fuq il-ħtija tad-driver ta' wara ma jistgħux jinfluwixxu fuq ir-responsabilità kriminali tad-driver ta' quddiem; għalkemm f'sedi ċivili dawk l-istess konsiderazzjonijiet jistgħu talvolta jinfluwixxu fis-sens li, forsi, l-ħsara kaġunata bil-kolliżjoni kienet tkun anqas qawwija.*

Fuq l-imputazzjoni illi, minħabba nuqqas ta' għaqal, bi traskuraġni u inosservanza ta' regolamenti, waqt li kien qed isuq motor van minn Mosta Road lejn il-Mosta, ħabat ma' motor-car nru. 13742 u għamlilha ħsara għad-dannu ta' George Pace, u għamel ħsara fil-van li kien qed isuq għad-dannu ta' John Muscat, l-imsemmi Saliba, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-26 ta' Ottubru 1953, instab ħati, iżda ġie liberat kondizzjonalment taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 23 Kap. 12;

L-imputat appella kontra din id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi akkwiżiti għall-proċess il-Qorti hi sodisfatta illi l-appellant dar lejn il-lemin bla ma ta pre-avviż b'idu jew bit-"Traffic Indicator", u ssorprenda lil Pace, li kien qiegħe isuq il-car warajh fl-istess direzzjoni. Jingħad korrettamen fit-testi in materja (para. 85 Trial of Motor Car Acciden Cases—Gibbs) dan li ġej:— "A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation In so doing, however, he must have regard to the safety o others using the highway. He must be charged with neg ligence if he turns his car to the right across the path of a vehicle approaching from the rear, without giving any signa of his intention to turn, thus making it impossible for the driver of the rear vehicle to avoid a collision";

Milli jidher, id-driver tal-karozza ta' wara, Pace, kien qed isuq bi speed qawwi, għax irriżulta li, wara l-ħabta, u non ostante li din il-ħabta b'ilfors kissritlu xi ftit il-"momentum", speċjalment billi dawwret il-van misjuq mill-imputat (ara sketch fol. 3), Pace baqa' sejjer għal distanza ta' 114 il-pied (ara Surġent Zammit kontro-eżami). Hu ukoll stran li Pace ma applikax il-brakes biex jipprova jevita l-kolliżjoni; hu qal li applikahom, iżda s-Surġent Zammit ma sab ebda brake-marks fuq il-post, u sab biss it-tyre-marks tal-car ta' Pace għal dik id-distanza (ara tieni xhieda tiegħu). Hu anki ta' min jinnota li, skond ix-xhieda tas-Surġent Bulagiar u tax-xhud Ġorġ Cassar, iż-żewġ drivers kienu qegħedin jiftħemu li jaqsmu l-ispejjeż. Però ma jidherx li dawn il-konsiderazzjonijiet jistgħu jinfluwixxu fuq ir-responsabilità in linea "kriminali" tal-appellant, għaliex kien hu li bil-manuvra tiegħu inkonsulta ġieb il-kolliżjoni, għalkemm f'sede ċivili, talvolta, dawk l-istess konsiderazzjonijiet jistgħu jinfluwixxu fis-sens li forsi, kieku Pace kellu aktar kontroll tal-car, u kien qed isuq bi speed aktar moderat u applika l-brakes, il-ħsara kienet tkun iżgħar minħabba li l-kolliżjoni ma kienetx tkun daqshekk qawwija;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.